MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1142/2002

**John u Doris konjugi Mallia.**

**-vs-**

**Nazzareno u Paola konjugi Farrugia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-14 t' Ottubru, 2002 li bih l- atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' ghalqa f' Haz-Zabbar ezattament fi sqaq numru 1 Triq Bajjada, dan bis-sahha ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia tat-tlieta u ghoxrin ta' Marzu elf disa' mija tmienja u tmenin (23/03/1988), hawn anness u mmarkat "Dok A";

Illi l-atturi ghandhom favor taghhom, skond il-kuntratt publiku hawn fuq imsemmi, dritt ta’ passagg minn sqaq numru 1, Triq Bajjada Zabbar ghal imsemmija ghalqa;

Illi fil-wiehed u ghoxrin ta’ Awwissu elfejn u tnejn, (21/08/2002), twahlet f’ ghonq l-isqaq grada li qatt ma’ kienet hemm qabel, li ghalkemm fil-prezent mhux maqfula, hija maghmula b’ mod fejn hemm post ghal katnazz, kif ukoll tpoggew pjanti u balavostri tul l-isqaq kollu u tinda, li dawn kollha qed jostakolaw il-liberu passagg ta’ l-atturi ghal go l-ghalqa liema passagg dejjem kien liberu, liema grada tqeghdet minghajr il-kunsens tal-atturi u ad insaputa taghhom;

Illi bl-agir illegali tieghu l-konvenut kkommetta spoll fil-konfront ta’ l-atturi u qed jimmolesta lill-istess atturi fil-pussess u/jew detenzjoni tad-dritt taghhom ta’ passagg ghal go l-ghalqa proprieta’ taghhom, li kif ukoll l-istess passagg huwa fattwalment l-unika access ezistenti ghal l-istess passagg huwa fattwalment l-unika access ezistenti ghal l-istess ghalqa u dan bi ksur *inter alia* tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tapplika s-sanzjonijiet u komminazzjonijiet prvist mill-Ligi kontra l-konvenuti;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportune ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil u l-agir suddett tal-konvenuti kkostitwixxi spoll li qed isir bi ksur tal-ligi, *inter alia* bi ksur tal-artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna illi l-atturi jigu mqeghdin mill-gdid fil-pussess/detenzjoni effettiv tad-drittijiet taghhom u tirreintegra lill-atturi fid-dritt ta’ passagg liberu u minghajr xkiel mill-isqaq suriferit u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Qorti;

3. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju sabiex il-konvenuti nehhu l-grada, l-pjanti u t-tinda li qed jostakolaw il-liberu passagg;

4. Tordna illi fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat, l-atturi jkunu awtorizzati sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji huwa stess a spejjes tal-istess konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn John Mallia u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghu kontumaci skond il-Ligi;

Semghet lill-attur fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2004 u rat il-verbal ta' l-istess data li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal llum.

Ikkunsidrat:

Illi d-deposizzjoni ta' l-attur ma' gietx kontradetta;

**Ghaldaqstant il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u ghalhekk:**

**1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kkomettew spoll fil-konfront ta' l-atturi;**

**2. tordna li l-istess atturi jigu mqeghidn mill-gdid fil-pussess effettiv tad-drittijiet taghhom u tirrintergrahom fid-dritt ta' passagg liberu u minghajr xkiel mill-isqaq fuq imsemmi u dan fi zmien xahar millum;**

**3. tordna ghalhekk lill-konvenuti biex fl-istess zmien ta' xahar inehhu l-grada (jekk din ghadha ma'**

**tnehhitx) il-pjanti u t-tinda li qed jostakolaw il-liberu passagg;**

**4. tordna li fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan, l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu dan huma a spejjez tal-konvenuti.**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jkunu a karigu tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------